MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**DEBORAH MIFSUD ATTARD**

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2013

Talba Numru. 317/2013

**GO plc**
**C 22334**
**Vs**
**Bugeja Rose**
**ID No. 869348M**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-28 ta' Mejju, 2013 illi l-konvenuta ghandha thallas lis-Socjeta' attrici s-somma ta' sitt mija sitta u sebghin ewro u tletin centezmu (€676.30), skont il-ftehim u l-prospett hawn annessi u markati Dok A u B, liema ammont huwa dovut in konnessjoni mas-servizzi ta' telekommunikazzjoni, u cioe' dak tat-telefon, televizjoni u *internet*, kont numru *A/C 40177202*, moghtija mis-socjeta' attrici u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza.

Illi l-konvenuta giet interpellata diversi drabi sabiex thallas izda baqghet inadempjanti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenuta, bl-ingunzjoni tal-konvenuta in subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma dehret ghas-seduta tat-13 ta' Novembru, 2013 u lanqas ghas-seduta ta’ llum.
Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici fis-seduta tat-13 ta' Novembru, 2013 u filfatt il-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondi ghalih. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha titiehed bhala mistqarra.
Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.
Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa’ it-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ sitt mija sitta u sebghin ewro u tletin centezmu (€676.30) bl-imghax legali mid-data tas-sentenza sal-pagament effettiv.
L-ispejjez, ikunu a karigu tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------